Minuti tal-Laqgħa Nru.29 tar-Raba' Kunsill Lokali Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 30 ta' Ottubru 2006 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe Piscopo A.(Mus).L.C.M. |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Victor Caruana<br>Is-Sur Silvio Schembri<br>Is-Sur Joe Camilleri<br>Is-Sur Raymond Saliba |
| **Skużata** : | Is-Sinjura Monica Camilleri |
| **L-Uffiċjali:**<br>Is-Segretarju Eżek. | <br>Is-Sur Michael Borg |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Riferenzi għall-Minuti
3. Korrispondenza
4. Mistoqsijiet
5. Ogħti ta' Tenders
6. Xogħol f'Ħal Farruġ
7. Rapport Finanzjarju Lulju / Settembru 2006
8. Mozzjonijiet
9. Ħlasijiet

LUQA

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 28 li ġew approvati fuq mozzjoni tas-Sur Saviour Schembri u ssekondata mis-Sur Joe Camilleri wara li saru dawn il-korrezzjonijiet. Dawn saru wara li nġibdet l-attenzjoni mis-Sinjuri Joe Piscopo u Victor Caruana rispettivament għal :

a) para 4.4 li jrid jinqara hekk : Is-Sur Piscopo staqsa wkoll fuq dak li deher fil-gażżetta ''Il-Mument'' li l-Kunsill għandu fuq Lm400,000 u jekk hux il-każ li jittieħdu passi. Is-Sindku wieġeb li ma hemmx każ ta' libell u li kien se jwieġeb lill-gażżetta.

b) fuq l-aħħar parti ta' para 6.3 is-Sur Caruana qal li hemm irid jidħol li hu staqsa lill-Kunsillieri jekk jaqblux mad-deċiżjoni li kien ħa s-Sindku. Ħadd mill-Kunsillieri ma wieġeb.

## 2. RIFERENZI GĦALL-MINUTI

2.1 Riferenza għall-Minuti ma kienx hemm.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku ta' resume' tal-korrispondenza li daħlet sat-30 ta' Ottubru 2006, fosthom :

a) e-mail ta' l-AKL dwar il-laqgħa tas-Sindki u Viċi Sindki għat-3 u 4 ta' Novembru 2006 u oħra dwar il-ħatra ta' Eżekuttiv ġdid ta' l-Assoċjazzjoni wara l-elezzjoni tas-7 ta' Ottubru 2006.
b) e-mail dwar l-attivita' *Clean-up the World* li se ssir fl-1 u 2 ta' Diċembru 2006, il-Kunsill qabel li jieħu sehem u nkariga lis-Sur Joe Camilleri biex jorganiżżaha.
c) e-mail dwar attivita' ta' five-a-side football tournament bejn il-Kunsilli. Il-Kunsill qabel li jekk jinstab team nieħdu sehem. Il-Kunsillier Joe Camilleri ġie nkarigat mill-attivita'.
d) Ittra mid-DLG dwar it-tnaqqis mill-Fondi Allokati skond il-ftehim dwar aċċess akbar għall-interess Pubbliku fl-informatika.
e) ittra mill-ADT dwar installazzjoni ta' Road Hump fis-service road ta' Triq San Tumas. Is-Sindku qal li l-Kunsill qatt ma talab għal din ir-road hump. Qal li meta kellem lid-Direttur tal-ADT, din qalet li ma kellhom ebda applikazzjoni mill-Kunsill. Is-Sindku qal li issa li l-każ ġie ċċarat, il-Kunsill se japplika għal din ir-road hump.

- Fi tmiem dan l-item, is-Sur Victor Caruana ssottometta ittra ta' dikjarazzjoni mis-Sur Michael Cachia dwar diskorsata li kien hemm fil-15 ta' Settembru 2006 bejnu (Cachia) u s-Sindku John Schembri. Dan ta' l-aħħar qal li issa se jġib lis-Sur Cachia hawnhekk ħalli jistqarr kollox.

LUQA

## 4. MISTOQSIJIET

4.1 Is-Sur Caruana staqsa jekk jistgħux isiru żewġ bankijiet żgħar fis-service road ta' Triq San Tumas, qrib iċ-ċimiterju ż-żgħir. Staqsa wkoll meta se jitnaddfu ċ-ċimiterji, speċjalment issa li deħlin f'Novembru x-xahar ta' l-erwieħ. Dwar il-bankijiet is-Sindku wieġeb li l-ewwel wieħed irid jara l-vijabilita' tagħhom, u dwar it-tindif taċ-ċimiterji se jara li dan isir.

4.2 Is-Sur Joe Camilleri staqsa x'verita' hemm li blue-sticker holder ma jingħatax permess għal reserved parking għax it-triq tkun one-way. Is-Sindku wieġeb li ma hemm verita' xejn għax la għandu l-blue-sticker huwa ntitolat għal reserved parking irrispettivament jekk it-triq tkunx one-way jew le.

4.3 Is-Sur Camilleri staqsa wkoll fejn wasal ix-xogħol fi Triq Pawlu Magri. Is-Sindku wieġeb li dan jinsab għaddej.

4.4 Is-Sur Camilleri staqsa wkoll għala fil-*magazine* tal-Kunsill lilu ġabuh responsabbli għal li Sports u l-Karnival. Is-Sindku wieġeb li ġara hekk peress li kien responsabbli mill-attivita' li l-Kunsill kien organiżża fl-okkażjoni tal-Karnival.

4.5 Dwar il-*magazine* ukoll is-Sur Camilleri qal li ħaġa li dejqitu kienet li żewġ Kunsillieri ma kitbux fih. Is-Sindku wieġeb li dawn kellhom iċ-ċans li jiktbu imma huma għażlu li ma jiktbux.

4.5.i. Il-Viċi Sindku Joe Piscopo hawnhekk qal li huwa veru li ma kitibx għax ħass li m'għandux jikteb fuq affarijiet li ma ħassux komdu fihom. Imma min-naħa l-oħra qatt ma qal li ma riedx jidher fil-*magazine.*

4.6 Is-Sur Victor Caruana qal li għalkemm staqsa fuq Sqaq Nru. 1 u Sqaq Nru. 4, il-kwotazzjonijiet għadhom ma ġewx. Barra minn hekk ix-xogħol ħażin li sar fi Sqaq Nru. 4 u fi Triq il-Parroċċa, għaddew is-snin u dwarhom għadu ma sar xejn. Huwa staqsa kif jista' jkun li dawn jibqgħu hekk. Is-Sindku wieġeb li nqabbdu lill-Perit tal-Kunsill biex jikteb dwarhom lill-Asfaltar Ltd.

4.7 Is-Sur Victor Caruana ġibed l-attenzjoni fuq Triq Sir Ugo Mifsud fejn il-kwalita' ta' Tarmac li ntuża jidher li ma kienx *up-to-standard*, tant li fin-nofs qed jinqala'. L-istess kuntrattur Polidano (iċ-Ċaqnu) għamel l-istess tip ta' xogħol ħażin Kastilja li kellu jinqala' u jerġa jagħmlu mill-ġdid. Il-materjal użat jidher li qisu fih xi ħġieġ. Huwa ħeġġeġ li l-Kunsill ma joħroġ ebda sold qabel ma jsiru xi *inspections*. Il-Kunsill qabel li dwar dan niktbu lill-Perit tal-Kunsill.

4.8 Is-Sur Piscopo staqsa jekk kienx hemm xi progress dwar il-U-Bar mitlub għal Triq Sant'Andrija k/m Triq San Gorg u dwar dik għal quddiem ir-residenza 124, Triq il-Karmnu. Is-Sindku wieġeb li dwar l-ewwel waħda ma kinetx għadha saret, filwaqt li l-oħra mhux se ssir għalissa peress li Triq il-Karmnu dalwaqt tinqala'.

4.9 Il-Viċi Sindku staqsa jekk kinux il-ħaddiema tal-Kunsill li qalgħu bollard tal-konkos li kien hemm f'Qormi Road (qrib l-Express Trailers) u li minħabba f'hekk inħoloq periklu mit-

traffiku. Is-Sindku wieġeb li dik żgħur ma tneħħietx mill-ħaddiema tal-Kunsill. Anzi l-ħaddiema tal-Kunsill waħħlu U-Bar minfloka. Żied igħid li issa naraw li terġa' ssir.

4.10 l-Sur Raymond Saliba talab biex tinġibed l-attenzjoni ta' l-awtorita' konċernata biex jerġa jitwaħħal bus-stop li nqala minn faċċata ta' l-Express Trailers.

## 5. OGĦTI TA' TENDERS

*5.1* *DOMESTIC & COMMERCIAL REFUSE COLLECTION*

Is-Sindku fakkar li l-Ħamis ta' qabel kienet saret laqgħa li għaliha ġew mistiedna jattendu l-Kunsillieri kollha. Il-laqgħa ssejħet biex jiġu evalwati d-diversi tenders li kienu daħlu. Żied igħid li fuq l-evalwazzjoni li kienet saret, kien qiegħed iressaq mozzjoni li tirrakkomanda li t-tender tad-*Domestic & Commercial Refuse Collection* tingħata lil *Northern Cleaning Co-op Ltd*.

5.1.i Wara diskussjoni li qamet li matulha ngħataw ir-raġunijiet għala t-tender kienet vantaġġjuża għall-Kunsill, il-mozzjoni li kienet issekondata mis-Sur Raymond Saliba ġiet approvata b'ħames (5) voti favur u astensjoni waħda (Joe Camilleri).

5.2 *STREET SWEEPING & CLEANING*

Is-Sur Victor Caruana qal li din igħaqqadha mat-tender tal-latrini għax jemmen li jekk tingħata lill-*Cleansing Services Department* ikun hemm aktar serjeta'.

5.2.i Min-naħa tiegħu s-Sindku qal li wara l-esperjenzi ta' l-imgħoddi u meta wieħed jikkonsidra li l-offerta tal-*Cleansing Services Department* hija fost l-aktar għoljin, huwa kien qiegħed jirrakkomanda li t-tender tingħata lil Claudio Aquilina.

5.2.ii Meta mozzjoni f'dan is-sens tressqet mis-Sindku u ssekondata mis-Sur Silvio Schembri ġiet għall-voti, din ġiet approvata b'ħames (5) voti favur u astensjoni waħda (Victor Caruana).

5.3 *BULKY REFUSE*

Mozzjoni mis-Sindku u ssekondata mis-Sur Raymond Saliba li din it-tender tingħata lil Alfred Cutajar, ġiet approvata b'ħames (5) voti favur u astensjoni waħda (Victor Caruana).

5.4 *CLEANING & ATTENDANCE OF PUBLIC CONVENIENCE*

Is-Sur Victor Caruana ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill biex joqgħod attent qabel tittieħed deċiżjoni dwar din it-tender. Żied igħid li veru li l-*Cleansing Services Department* huma l-ogħla offerent. Imma wieħed irid jikkonsidra li l-ħlas tad-dawl u ilma s'issa dejjem sar mid-Dipartiment. Irid jiġi kkunsidrat ukoll li l-prezzijiet offruti minn oħrajn lanqas ilaħħqu biss biex titħallas paga minima u għalhekk wieħed jiddubita mis-servizz li dawn jistgħu jagħtu.

LUQA

5.4i Wara li l-Kunsill ikkonsidra bis-serjeta l-parir tas-Sur Caruana, ġie deċiż li tingħata aktar konsiderazzjoni qabel ma tittieħed deċiżjoni fuq din it-tender.

5.5 *PARKS & GARDENS*

Is-Sur Joe Camilleri qal li għal din it-tender hemm żewġ offerti: ELC u Chris Beżżina. Ta' l-ewwel nafu li huwa armat, filwaqt li minn stħarriġ li għamel sab li anke Bezzina huwa armat tajjeb għal dan ix-xogħol.

5.5i Fuq dan it-tagħrif tas-Sur Camilleri, il-Kunsill qabel li deċiżjoni fuq din it-tender tiġi posposta għal laqgħa oħra.

## 6. XOGĦOL F'ĦAL FARRUĠ

6.1 Qabel ma ngħata bidu tad-diskussjoni fuq dan l-item, is-Segretarju Eżekuttiv talab u ngħata l-permess tas-Sindku sabiex jagħmel statement. Fl-istqarrija tiegħu s-Segretarju Eżekuttiv iddikjara li huwa nforma għal aktar minn darba lis-Sindku li l-Kunsill m'għandux flus ivvotati għal Triq Qasam Sperimentali, Triq il-Biedja u Triq San Vincenz de Paule u li l-flus li għandna huma biss dawk li diġa huma vvotati għal Triq Pawlu Magri u Triq il-Karmnu. Iddikjara wkoll li lis-Sindku ġibidlu l-attenzjoni li l-Kunsill ma jaf xejn bix-xogħol tas-servizzi li kienu qed isiru f'dawk it-tliet toroq ta' Ħal Farruġ. Is-Segretarju Eżekuttiv informa wkoll lill-Kunsill li kopja ta' dawn il-Minuti b'din id-dikjarazzjoni se tingħata lis-Sur Natalino Attard, Direttur tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

- Hawnhekk il-Viċi Sindku Joe Piscopo talab u ngħata l-permess iħalli l-Kamra (7.45 p.m.)

6.2 B'reazzjoni għad-dikjarazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sindku qal li veru li s-Segretarju Eżekuttiv qallu li m'hemmx flus ivvotati għal dawk it-tliet toroq f'Ħal Farruġ imma mill-pożizzjoni tiegħu (tas-Sindku) bħala Chairman tal-Kumitat Kongunt kellu ċ-ċans jindaga x'income hemm pendenti għall-Kunsill. Mill-eżerċizzju li għamel l-Authorised Officer ħariġlu rapport li juri l-ammont ta' mhux inqas minn Lm18,000 dovuti lill-Kunsill u li dawn se jkunu għand il-Kunsill qabel tintemm din il-leġislatura. (Kopja ta' dan ir-rapport tinsab mehmuża ma' dawn il-Minuti).

6.3 Is-Sindku fakkar li dawn it-toroq kienu nklużi fir-rapport imħejji sena ilu mill-Perit tal-Kunsill. Dan ir-rapport kien tfassal u ntbagħat lill-Ministru konċernat li ġie mitlub jikkumpensa lill-Kunsill talli d-Direttorat tat-Toroq kien kissrilna dawn it-toroq biex seta' jsir il-proġett ta' Triq Ħal Qormi mill-Fondi tal-Protocol Taljan. Dan ir-rapport kien approvat mill-Kunsill.

6.4 Is-Sindku kompla jgħid li fit-toroq imsemmija sar xogħol ta' servizzi mill-Maltacom, Enemalta, Drainage, u Korporazzjoni għas-Servizz ta' l-Ilma. Biex sar ix-xogħol, it-toroq inqalgħu kollha u għalhekk ir-residenti ma jistgħux jitħallew f'dan id-diżastru.

6.5 Wara li aċċerta lill-Kunsill li għax-xogħol li sar s'issa l-Kunsill mhu se joħroġ ebda ċenteżmu, u li sa tmiem il-leġislatura se jkun hemm il-fondi tal-LES disponibbli, kif ukoll l-

assikurazzjoni tal-kuntrattur li se jissaporti biex jitħallas, is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex dawn it-toroq jingħataw kisja tarmac fil-mument opportun ladarba l-gvern ċentrali ma nkludix dawn it-toroq fil-lista ta' toroq li se jiġu *resurfaced.*

6.6 Qabel ma din il-proposta tressqet għall-approvazzjoni, is-Sur Victor Caruana qal li huwa favur li dawn it-toroq isiru bit-tarmac, imma ma jaqbilx li x-xogħol fuqhom beda bla ma jaf il-Kunsill u meta flus għalihom ma hemmx ivvotati. Hawnhekk is-Sindku stqarr li din kienet l-ewwel okkażjoni li kellu biex igħarraf lill-Kunsill bis-servizzi li kienu qegħdin jigu mgħoddija f'dawk it-toroq, u tenna li x-xogħol ta' *scurrifying* li sar kellu jsir bilfors għax ma kienx jaqbel finanzjarjament għall-Kunsill li jsir xogħol ta' patching.

6.7 Meta l-proposta tas-Sindku biex it-toroq imsemmija jingħataw it-tarmac, issa li s-servizzi saru kollha, tressqet għall-approvazzjoni din ġiet unanimament approvata.

## 7. RAPPORT FINANZJARJU LULJU/SETTEMBRU 2006

7.1 Meta s-Sindku ressaq dan ir-rapport li jiġbor l-attivita' finanzjarja tal-Kunsill għall-perijodu Lulju/Settembru 2006, huwa qal li dan għandu jittieħed bħala moqri peress li kulħadd kellu kopja tiegħu żmien qabel il-laqgħa.

7.2 Wara li saru xi domandi, ir-rapport ġie unanimament approvat.

## 8. MOZZJONIJIET

8.1 Mozzjoni mressqa mis-Sindku u ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li tgħid: **li l-Kunsill japprova li ssir il-mixegħla ta' toroq għal-matul il-festi tal-Milied,** ġiet unanimament approvata.

## 9. ĦLASIJIET

9.1 Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kollha li daħlu sat-30 ta' Ottubru 2006 u li lista tagħhom ġiet ippreżentata mis-Segretarju Eżekuttiv.

- Peress li ma kienx hemm items oħra x'jiġu diskussi, fit-8.30 p.m. is-Sindku ddikjara l-laqgħa bħala magħluqa.

Konfermati llum 28 ta' Novembru 2006.

____________________ ____________________

John Schembri
Sindku

Michael Borg
Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali - Luqa - Local Council
49, Triq San Pawl
Luqa  LQA 03